# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 2481/99 AJM

Kawza numru

Rimus Riley Limited

Vs

Karen Bonavia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Novembru 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi b'decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1069 tal-5 ta' Ottubru 1999 l-atturi gew ikkundannati jhallsu lill-konvenuta s-somma ta' LM950 (disa' mija u hamsin lira) kumpens minhabba li temmew l-impieg tal-istess konvenuta minghajr gustifikazzjoni skond il-ligi; illi minn kif jidher mid-decizjoni de quo u kif jigi mfisser waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-atturi ma inghatawx smigh xieraq, b'dan illi s-sottomissjonijiet u l-provi maghmula minnhom gew injorati mit-tribunal u bdan ukoll li l-istess tribunal ibbaza d-decizjoni fuq premessa zbaljata; talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi d-decizjoni numru 1069 tat-Tribunal Industrijali hija nulla u minghajr effett.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta li hija mharka minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenuta presentata fil-5 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra l-istess socjeta' attrici billi:-

1. Illi ghax fid-decizjoni tieghu t-Tribunal Industrijali skarta il-verzjoni tas-socjeta' attrici, dan ma jwassalx ghal nuqqas ta' smigh xieraq kif allegat mis-socjeta attrici – it-Triibunal Industrijali, bhala l-forum b'funzjoni ta' gudikatura fi kwistjonijiet bhal ma kienet din in ezami, kull ma ghamel kien illi ddecida a favur l-esponenti stante illi l-kaz taghha kif maghmul bil-provi w x-xiehda minnha mressqa kien wiehed li jimmerita decizjoni favur taghha.
2. Illi ma jistax ikun illi issa kulldarba li tigi skartata verzjoni ta' xi parti u titwemmen versjoni ta'parti ohra ghax tkun aktar verosimili, konkreta u reali bbazata fuq fatti migjuba quddiem it-tribunal, allura il-parti telliefa tallega nuqqas ta' smigh xieraq, fuq kollox meta bhal kull decizjoni ohra, jinghata piz lil versjoni tal-parti rebbieha u tigi skartata il-versjoni tal-parti telliefa.
3. Illi ma jistax jkun lanqas illi kull darba li tohrog telliefa minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali peress illi l-versjoni tal-kaz kif

minnha allegat u mressaq quddiem l-istess Tribunal bil-provi u sottomissjonijiet minnha maghmula, liema sottomissjonijiet ma jkunx gew akkolti, allura ssir l-allegazzjoni illi t-Tribunal ikun iddecida fuq premessi zbaljati.

4. Illi fic-cirkostanzi, u wara li tisma' l-provi u t-trattazzjoni ta'din il-kawza, din l-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzzjoni illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1069 hija gusta u ekwa u ma timmeritax illi tkun dikjarata nulla u bla effett minn din l-istess Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Frar 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-7 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Novembru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri jikkoncernaw decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz ta' Karen Boanvia kontra Rimus Riley Limited, decizjoni numru 1069, tal-5 ta'Ottubru 1999. F'dawk il-proceduri l-istess Tribunal, wara li

ddikjara li ma kienx sodisfatt li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanta kienet saret ghal raguni tajba u sufficjenti, wasal biex ikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lill-konvenuta odjerna s-somma ta’ disa’ mija u hamsin lira maltin (LM950).

Is-socjeta’ attrici qeghdha tikkontesta l-validita’ ta’ din id-decizjoni billi qed jigi allegat li ma inghatatx smigh xieraq stante li s-sottomissjonijiet u l-provi maghmula minnhom gew injorati mit-Tribunal. Ghalhekk din il-Qorti qed tintalab li tiddikjara l-istess decizjoni bhala nulla u minghajr effett.

Mac-citazzjoni giet ezebita kopja tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali, filwaqt li matul l-proceduri gie ukoll ezebit l-process kollu fil-kaz in kwistjoni.

Is-socjeta’ attrici qeghdha tissottometti li l-kuncett ta’ smiegh xieraq ma jfissirx biss li wiehed jinghata l-fakolta’ li jressaq il-provi, izda li l-awtorita’ gudikanti, fil-konsiderazzjonijiet taghha meta tasal ghall-konkluzzjoni, taghmel ukoll evalwazzjoni tal-provi prodotti mill-partijiet u finalment jew taccetta jew tiskarta l-istess provi.

Din il-Qorti tapprezza s-sottomissjoni tal-gharef difensur tas-socjeta’ attrici billi ma jistghax jinghad li jkun hemm smigh xieraq bis-semplici gbir tal-provi - fatt li jirrizulta b’mod l-aktar ampju fil-kaz in ezami, izda li dawk il-provi prodotti mil-partijiet fil-kawza ghandhom jiffurmaw l-bazi tal-konsiderazzjonijiet u finalment tad-decizjoni tal-awtorita’ gudikanti fil-kuntest tal-aspetti legali tal-kaz li jingieb quddiemha.

Minn ezami tas-sentenza dak li qed jigi allegat mis-socjeta' attrici ma jirrizultax assolutament. Infatti jidher li, qabel ma wasal ghall-konkluzzjoni tieghu, t-Tribunal gharbel sewwa l-provi li gew prodotti quddiemu u finalment wasal biex skarta tezi favur ohra. Infatti fil-parti konkluziva tas-sentenza tat-Tribunal jinghad hekk: "Ghalhekk, wara li ra u kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet taghhom u ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq ....." Din id-dikjarazzjoni trid tittiehed fil-kuntest ta' dak li intqal fl-istess sentenza fejn jirrizulta li mhux talli t-Tribunal semma l-aspetti kontrastanti tal-partijiet kif irrizultaw quddiemu, izda ukoll ta' ir-ragunijiet ilghala kien qed jaccetta verzjoni u mhux ohra. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jissodisfa r-rekwizit ta' l-audi alteram partem u konsegwentement dan l-ilment ma jirrizultax.

Illi dwar l-allegazzjoni li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq premessa zbaljata ma ingiebet ebda prova u ma saret ebda sottomissjoni da parti tas-socjeta' attrici. Del resto dan lanqas ma jirrizulta minn ezami tal-process u tas-sentenza.

Ghar-ragunijiet l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes.

Onor Imhallef Albert J. Magri